# Ktejjeb tar-Riżorsi għat-Tielet u r-Raba' Sena tal-Primarja - 2

(Riżorsi mis-sit malti.skola.edu.mt)

## It-Tielet Sena – It-Taħdit
## Ħares lejn l-istampi u  rrakkonta x'inhu jiġri.

**1**



**2**



**3**



**4**



**5**



It-Tielet Sena – Il-Kitba

**Ħares lejn l-istampa u ikteb ftit sentenzi dwarha.**



# It-Tielet Sena – Is-Smigħ

***Hawn se nħaddmu l-ħila tas-smigħ. Għalhekk din is-silta trid tinqara minn adult filwaqt li l-istudent jara l-karta tal-mistoqsijiet biss. Agħti ċans biex l-istudent jara l-mistoqsijiet. Wara ftit aqra s-silta waqt li l-istudent jista' jibda jwieġeb il-mistoqsijiet. Agħti ċans biex l-istudent ikompli jwieġeb il-mistoqsijiet qabel ma terġa' taqra s-silta għat-tieni darba. Hawn l-istudent irid jiċċekkja r-risposti tiegħu filwaqt li jkompli xi mistoqsijiet li jkun għadu ma weġibx.***

## Jum l-Annimali – Is-silta

Jiena Norma. Se nkompli nirrakkonta episodji mill-ħajja tiegħi. Ilbieraħ fl-iskola ċċelebrajna Jum l-Annimali.

It-tfal setgħu jġibu magħhom annimal mid-dar imbasta jkun mans. Ħafna tfal ġabu klieb, qtates u għasafar. Mario ġab fenek tal-Indì f'gaġġa tal-ħadid. Kien hemm min beda jibża' minnu u Mario spiċċa waħdu miskin! Alan ġab pappagall sabiħ mimli kuluri. Dan kien jismu Aldo. Tgħidx kemm beda jgħajjat. Kien jaf jgħid isem sidu u xi kliem ieħor wkoll.

Ħafna tfal daru miegħi għax jien ħadt qattus griż Persjan ġo gaġġa kbira tal-plastik. It-tfal riduni noħorġu barra imma jien ma ridtx għax bżajt li jaħrabli! Il-qattus tiegħi jismu Muxu. Il-ħabiba tiegħi Fiona, ġabet kelb żgħir tal-but. Dan kien iswed bil-kannella. Għalkemm kien żgħir, kien jinbaħ ħafna u kont taħsbu xi kelb feroċi! Keith ġab żewġ amorini ġo gaġġa blu. Samantha ġabet fenek tal-Indi.

Il-kappillan ġie jbierek dawn l-annimali fil-bitħa. Wara, mara li tieħu ħsieb il-qtates f'santwarju, ġiet tkellimna dwar kif għandna nieħdu ħsieb il-qtates. Din l-attività damet sal-għaxra u wara morna fil-klassi.

Min kellu annimal li ma kienx joqgħod ġo gaġġa kellu jagħtih lill-ġenituri tiegħu biex jeħduh id-dar. Imma min kellu annimal li kien ġol-gaġġa seta' jġibu fil-klassi. Tgħidx kemm ħadna pjaċir nitgħallmu bl-annimali mdawrin madwarna!

**Eż. A: Immarka t-tweġiba t-tajba b' ✓**

| | Veru | Falz |
|---|---|---|
| 1. Il-pappagall t'Alan jismu Aldo. | | |
| 2. Il-pappagall hu storbjuż. | | |
| 3. Il-qattus ta' Norma hu iswed. | | |
| 4. Fiona ħadet kelb kbir l-iskola. | | |
| 5. Il-kelb ta' Fiona hu iswed bl-abjad. | | |
| 6. Samantha ħadet żewġ amorini l-iskola. | | |
| 7. Il-kappillan bierek l-annimali fil-bitħa tal-iskola. | | |
| 8. Raġel ġie jkellem lit-tfal dwar il-qtates. | | |
| 9. L-attività damet sal-għaxra u nofs. | | |
| 10. Min kellu annimal li kien fil-gaġġa seta' jieħdu fil-klassi. | | |

## It-Tielet Sena – Il-Grammatika

## A: Ikteb dan, din jew dawn:

1. 

____________ żarbun

2. 

_______________ pupa

3. 

_______________ flus

4. 



______________ arloġġ

## B: Imla l-vojt bil-kontra.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. |  | rqiq | ______________ |
| 2. |  | ikrah | ______________ |
| 3. |  | kbir | ______________ |
| 4. |  | kiesaħ | ______________ |
| 5. |  | qasir | ______________ |
| 6. |  | għażżien | ______________ |

# Ir-Raba' Sena – Il-Qari u l-Grammatika

## Il-Merill

**Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**

Jien Merillu. Sirt l-għasfur nazzjonali ta' Malta fl-1971. Il-Posta ta' Malta kienet ħarġet sett ta' bolol fejn kont nidher jien. Jien kont nidher fuq xi muniti wkoll. Iżda llum dawn il-muniti m'għadhomx jintużaw. Jien ngħix ġewwa Malta iżda merilli oħra sħabi jgħixu fi gżejjer u pajjiżi oħra fil-Mediterran. Oħrajn jinsabu f'pajjiżi ferm aktar imbiegħda bħaċ-Ċina u l-Ġappun. *(paragrafu 1)*

Jien inħobb noqgħod għal rasi. Infittex postijiet imwarrba bħal xi xifer ta' rdum, xi wied fond fil-blat, xi barriera mitluqa, xi sur qrib il-kampanja jew fil-miftuħ ħdejn xi bini antik u mitluq. Ismi ġej mill-kelma Taljana merlo. Id-daqs tiegħi hu bejn wieħed u ieħor 20ċm. Jien raġel u r-rix tiegħi hu blu skur fuq in-naħa ta' dahri, sidri u rasi filwaqt li denbi u l-ġwienaħ huma suwed. Il-mara tiegħi għandha r-rix ta' denbha u l-ġwienaħ suwed waqt li l-kumplament tar-rix hu kannella fil-griż. *(paragrafu 2)*

Qabel bnejna l-bejta tagħna qgħadna attenti li nsibu post fil-għoli ħalli din ma tintlaħaqx minn xi nies jew xi annimali. Il-bejta bnietha l-mara tiegħi waqt li jien qgħadt għassa għal xi periklu. Il-bejta hi magħmula minn zkuk żgħar u rqaq, ħaxix u biċċiet ta'għeruq. Meta faqqas l-ewwel bajd bdejt inġib l-ikel għall-frieħ tagħna. Għall-ewwel kont inġib ikel żgħir bħal dud u ġurati. Meta l-frieħ bdew jikbru bdejt inżoqqhom ħlejjaq akbar bħal xi xaħmet l-art. *(paragrafu 3)*

Jien ma npassix jiġifieri ma mmurx f'pajjiż ieħor biex naħrab il-bard jew is-sħana. Fis-sajf nistkenn mix-xemx f'xi għar jew f'xi bini antik u l-ilma jqattar f'xi rdum mill-blat huwa biżżejjed għalija biex naqta' l-għatx. L-uniku periklu għalija huwa li ninqabad mill-bnedmin! *(paragrafu 4)*



**Eż. A: Immarka t-tweġiba t-tajba b' ✓**

| | Veru | Falz |
|---|---|---|
| 1. Stampa tal-merill darba dehret fuq sett ta' bolol Maltin. | | |
| 2. Il-muniti li fuqhom jidher il-merill għadhom jintużaw. | | |
| 3. Il-merill jgħix biss ġewwa Malta. | | |
| 4. Il-bejta tinbena f'post fil-baxx. | | |

**Eż. B: Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba.**

5. Il-merill iħobb joqgħod f'xi:

| |
|---|
| ventilatur ta' dar. |
| barriera mitluqa. |
| kampnar ta' knisja. |

6. Il-merill raġel u l-merill mara t-tnejn għandhom ġwienaħ:

| |
|---|
| suwed. |
| blu skuri. |
| kannella. |

7. Il-bejta tal-merill tkun magħmula minn affarijiet bħal zkuk:

| |
|---|
| żgħar u ħoxnin. |
| kbar u ħoxnin. |
| żgħar u rqaq. |

**Eż. Ċ: Wieġeb skont is-silta.**

8. X'inhu l-ewwel ikel li jieklu l-frieħ tal-merill? *(paragrafu 3)*

______________________________________________

______________________________________________

9. Fejn isib jistkenn il-merill fis-sajf? *(paragrafu 4)*

______________________________________________

______________________________________________

**<u>Eż. D: Poġġi dawn in-nomi li ġejjin fil-kolonna t-tajba.</u>**

rix, Ġappun, Ċina, kampanja, Malta, Mediterran, wied, bejta

| Nomi Komuni | Nomi Propji |
| --- | --- |
| | |
| | |
| | |
| | |

**<u>Eż. E: Agħmel sing taħt il-kelma li fiha pronom mehmuż.</u>**



Ismi ġej mill-kelma Taljana merlo. Dahri, rasi u sidri huma blu skur imma l-ġwienaħ huma suwed. Marti għandha r-rix ta' denbha iswed. Anke l-ġwienaħ huma suwed. Madanakollu l-kumplament tar-rix hu kannella fil-griż.

## Ir-Raba' Sena – Il-Kitba



**Poġġi lilek innifsek fiż-żarbun ta' wieħed mill-karattri ta' ktieb li għadek kemm qrajt. Ikteb ġurnata mid-djarju tiegħek. Ikteb minn 70 sa 100 kelma.**

Ir-Raba' Sena – It-Taħdit

Ħares lejn l-istampi u ddeskrivi dawn l-annimali strambi.




X'għandhom stramb dawn l-annimali?  Għaliex?

Risposti

Pġ.5 Eż. A: 1)Veru 2)Veru 3)Falz 4)Falz 5)Falz 6)Falz

7)Veru 8)Falz 9)Falz 10)Veru

Pġ.5 Eż. B: 1)dan 2)din 3) dawn 4)dan

Pġ.6 Eż.B: 1)oħxon 2)sabiħ 3)żgħir 4)sħun 5)twil 6)bieżel

Pġ.8 Eż.A: 1)Veru 2)Falz 3)Falz 4)Falz

Pġ.8 Eż.B: 5)barriera mitluqa 6)suwed 7)żgħar u rqaq

8)dud u ġurati 9)f'xi għar jew f'xi bini antik

Pġ.9 Eż.D: Nomi Komuni: rix, kampanja, wied, bejta

Nomi Propji: Ġappun, Ċina, Malta, Mediterran

Pġ.9 Eż.E:

**Ismi** ġej mill-kelma Taljana merlo. **Dahri**, **rasi** u **sidri** huma blu skur imma l-ġwienaħ huma suwed. **Marti** għandha r-rix ta' **denbha** iswed. Anke l-ġwienaħ huma suwed. Madanakollu l-kumplament tar-rix hu kannella fil-griż.